BirdLife MALTA

# Stqarrija

## BirdLife Malta titlob lill-Gvern ma jdgħajjifx il-pieni għall-ksur tal-liġijiet li jipproteġu t-tajr selvaġġ

Min jikser il-liġi, mhux min josservha, ser jibbenefika mit-tnaqqis fil-pieni u l-bidliet li jistgħu jwasslu biex persuni li tilfu l-liċenzja tal-kaċċa jew tal-insib, jerġgħu jiksbuha.

BirdLife Malta qed titlob lill-Gvern biex ma jipproċedix bi proposti li jdgħajfu l-pieni taħt ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, u qed tinsisti li f'mument meta t-tajr protett għadu jkun spiss fil-mira tal-kaċċa illegali, il-prijorità għandha tkun infurzar aktar b'saħħtu u protezzjoni effettiva tal-għasafar selvaġġi.

Waqt konferenza stampa, BirdLife Malta spjegat it-tħassib tagħha dwar id-diskussjonijiet li qed isiru fuq bidliet fil-pieni u l-konsegwenzi marbuta ma' ksur tar-Regolamenti, inkluż fir-rigward ta' persuni li tilfu l-liċenzja tal-kaċċa jew tal-insib.

**L-illegalitajiet li qed naraw illum juru li dan mhux iż-żmien li jonqsu l-pieni**

Nicholas Barbara, Kap tal-Konservazzjoni ta' BirdLife Malta, ta rendikont tas-sitwazzjoni li BirdLife Malta rat fl-aħħar jiem fir-rigward tal-kaċċa illegali u għasafar protetti milquta minn tiri.

Huwa spjega wkoll kif il-kwistjoni tal-pieni tressqet quddiem il-Kumitat ORNIS, inkluż ix-xogħol li għalih ġew kkummissjonati l-avukat Arthur Azzopardi u l-Avukat David Chetcuti Dimech li waqt il-laqgħa li saret ilbieraħ, ippreżenta numru ta’ tibdiliet fil-pieni. BirdLife Malta qajmet diversi oġġezzjonijiet matul din il-laqgħa.

“Waħda mill-aktar proposti oxxeni hija dik li jonqsu il-pieni drastikament għal min joqtol tajr protett skedat, bħaċ-Ċikonja Sewda li nqatlet ftit jiem ilu! Jekk il-pieni tal-lum mhumiex deterrent biżżejjed, għaliex għandna nnaqqsuhom? Minn dawn il-proposti ser jibbenefikaw biss dawk li jiksru l-ligi.” qal Barbara.

**Min se jibbenefika minn dawn il-bidliet?**

Il-President ta' BirdLife Malta, Darryl Grima, qal li wieħed mill-aktar punti fundamentali fid-diskussjoni huwa li jiġi identifikat min fil-fatt se jibbenefika jekk jonqsu l-pieni għal min jikser il-liġi.

“Min jobdi l-liġi ma jibbenefikax minn multa iżgħar għal min jikser il-liġi. Kaċċatur li josserva l-liġi m'għandu xejn minn xiex jibża' minn pieni b'saħħithom kontra l-illegalitajiet. Mit-tnaqqis tal-konsegwenzi għal ksur tal-liġi se jibbenefika direttament min jikser, jew jista' jikser, il-liġi,” qal Grima.

**Il-proporzjonalità għandha titkejjel ma' liġijiet komparabbli**

BirdLife Malta kkontestat l-argument li l-pieni huma sproporzjonati billi jitqabblu ma' multi tat-traffiku jew kontravenzjonijiet oħra li mhumiex komparabbli. Grima qal li jekk il-Gvern irid jagħmel eżerċizzju serju dwar il-proporzjonalità, għandu jqabbel liġijiet li għandhom għanijiet simili, fosthom l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali.

Taħt dan l-Att, l-ewwel kundanna tista' twassal għal multa ta' bejn €2,000 u €65,000 u/jew sa tliet snin priġunerija, filwaqt li kundanna sussegwenti tista' twassal għal multa ta' bejn €6,000 u €80,000 u/jew sa tliet snin priġunerija. Ħafna mill-multi taħt ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi huma ferm aktar baxxi.

“Ma nistgħux insejħu piena sproporzjonata billi nqabbluha ma' multa tat-traffiku u ninjoraw liġi oħra Maltija li tipproteġi l-annimali mill-ħsara tal-bniedem u li tipprovdi għal pieni ferm ogħla,” qal Grima.

“Jekk il-liġi tqis pieni qawwija bħala ġustifikati meta bniedem jittratta annimal b'mod ħażin, għaliex għandu jkollna standard fundamentalment differenti meta bniedem jispara illegalment fuq għasfur protett? Min joqtol tajra protetta jagħmel dan b’intenzjoni u mhux bi żball. U jekk illum qed jintuża l-argument tal-proporzjonalità biex jitnaqqsu dawn il-pieni, għada se jingħad li anke l-pieni taħt l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali huma għoljin wisq?” kompla Grima.

**Il-liġi teżisti biex tipproteġi l-għasafar**

Il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta, Mark Sultana, insista li d-diskussjoni trid tibda mill-iskop fundamentali tal-liġi nnifisha.

“L-isem tal-liġi huwa ċar: ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi. L-għan fundamentali ta’ din il-liġi huwa l-konservazzjoni u l-protezzjoni tal-għasafar selvaġġi. Il-kaċċa hija attività regolata fi ħdan dan il-qafas ta' konservazzjoni; il-liġi ma teżistix primarjament biex tiffaċilita l-kaċċa,” qal Sultana.

BirdLife Malta qalet li matul is-snin saru diversi emendi, derogi u konċessjonijiet. Meta dawn jiġu kkunsidrati flimkien, hemm ir-riskju li ma jkunux qed jinbidlu biss regoli individwali iżda l-karattru u l-ispirtu tal-liġi nnifisha.

“Jekk nibqgħu nneħħu jew indgħajfu saff wara ieħor tal-protezzjoni li tagħti din il-liġi, irridu nistaqsu: fejn se nfasslu l-linja?” qal Sultana.

**Liċenzja tal-kaċċa mhix dritt assolut**

BirdLife Malta esprimiet it-tħassib tagħha dwar proposti relatati ma' persuni li tilfu l-liċenzja tagħhom wara ksur tal-liġi.

“Il-Gvern għandu jispjega għaliex issa jrid jiffaċilita r-ritorn ta' dawn il-privileġġi. X'inbidel mill-perspettiva tal-konservazzjoni? X'evidenza turi li bidla bħal din hija meħtieġa?” staqsa Sultana.

BirdLife Malta għamlitha ċara wkoll li l-pożizzjoni tagħha mhix kontra kaċċaturi li josservaw il-liġi.

“Kaċċatur li jirrispetta l-istaġuni, l-ispeċi permessi, iż-żoni u l-kundizzjonijiet tal-liċenzja mhux fil-mira ta' dawn il-pieni. Pieni kontra l-kaċċa illegali mhumiex pieni kontra l-kaċċa legali. Irridu niddistingwu bejn min jirrispetta l-liġi u min jiksirha deliberatament,” qal Sultana.

**Għandna problema ta' tajr protett li għadhom qed jisparaw fuqhom**

BirdLife Malta saħqet li l-pieni ma jeżistux biss biex jikkastigaw iżda wkoll biex joħolqu deterrent.

“Il-fatt li għadna qed niġbru għasafar protetti feruti b’tiri ta’ senter jurina li m'għandniex deterrent eċċessiv. Għandna problema ta' għasafar protetti li għadhom qed jisparaw fuqhom,” qal Sultana.

Huwa sostna li d-diskussjoni għandha tiffoka fuq kif jista' jissaħħaħ l-infurzar u r-rispett lejn il-liġi, mhux fuq kif jistgħu jiddgħajfu l-konsegwenzi għal min jikser il-ligi!

**Talba ċara lill-Gvern: iddgħajfux il-protezzjoni tal-għasafar selvaġġi**

BirdLife Malta qed titlob lill-Gvern biex ma jipproċedix bi tnaqqis fil-pieni li jdgħajjef id-deterrent u biex ma jintroduċix miżuri li jwasslu biex persuni li tilfu l-privileġġ tal-kaċċa jew tal-insib minħabba ksur serju tal-liġi, jerġgħu jingħataw dak il-privileġġ mingħajr ġustifikazzjoni konvinċenti, trasparenti u kompatibbli mal-konservazzjoni.

F'isem BirdLife Malta, il-Kap tal-Public Engagement Antonia Micallef u l-President Darryl Grima sostnew li jekk il-Gvern jemmen li ċerti pieni huma sproporzjonati, għandu jippubblika l-evidenza li fuqha qed jibbaża din il-konklużjoni.

BirdLife Malta qed titlob ukoll valutazzjoni trasparenti tal-proporzjonalità li tqabbel ir-Regolamenti ma' liġijiet li huma verament komparabbli, fosthom l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, u mhux ma' kontravenzjonijiet li għandhom natura u skop kompletament differenti.

“Jekk il-pieni li għandna llum għadhom mhumiex biżżejjed biex iwaqqfu l-qtil illegali ta' tajr protett, ir-risposta ma tistax tkun li nnaqqsu dawk il-pieni. Ir-risposta għandha tkun aktar rispett lejn il-liġi, aktar infurzar u aktar protezzjoni għall-għasafar selvaġġi,” qalet BirdLife Malta.

“Min se jibbenefika minn dawn il-bidliet? Min jobdi l-liġi, jew min jikser il-liġi?” BirdLife Malta għalhekk qed titlob lill-Gvern biex ma jdaħħalx fis-seħħ bidliet li jdgħajfu l-protezzjoni tal-għasafar selvaġġi, u biex jiżgura li kull bidla fil-liġi tkun immexxija mill-konservazzjoni, l-infurzar effettiv u r-rispett lejn l-istat tad-dritt.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Antonia Micallef
Public Engagement Executive, BirdLife Malta
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Mob: +356 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org

Biex issir membru ta’ BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/become-member/

**Filmati:**

1. Weaker penalties for killing protected birds?
2. A Kestrel's last breath
3. Highly protected Black Stork killed outside Buskett
4. Hunter filmed shooting flock of protected Squacco Herons at Żonqor coast